# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
## MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)

Rikors Nru: 183/2023 LC

**JOSEPH CASSAR AVETA**

*vs*

**BURMARRAD COMMERCIALS LIMITED**

**Illum, 16 ta' Ottubru 2022**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' John Cassar Aveta (K.I. 33356M) u ta' Louis Cassar Aveta (K.I. 189157M) fejn espona bir-rispett u kkonferma bil-ġurament illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-10 ta' Diċembru 2012 fil-kawża fl-ismijiet "Joseph Cassar Aveta -vs- Burmarrad Commercials Limited", Avviż Numru 37/2010CSH, l-attur, ħu l-esponenti, kien ġie kanonizzat kreditur tas-soċjeta' konvenuta Burmarrad Commercials Limited fis-somma ta' 5,067.85 Euros, b'ordni li l-istess soċjeta' intimata tħallas dan l-ammont f'oġġetti magħżula mill-awtur limitatament għal din is-somma, bl-imgħax relattiv mis-26 ta' Mejju 2004, u bl-ispejjeż tal-kawża u dawk tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' April 2008 (Ara Dok. "A", "B", u "C" hawn uniti);

Illi s-soċjeta' ntimata għadha ma onoratx l-obbligi tagħha ai termini tal-imsemmija sentenza u fil-fatt qatt ma ħadet ebda azzjoni biex tonorhom, anki wara li ġiet interpellata permezz ta' ittra legali tal-15 ta' Marzu 2017, u fi żminijiet aktar riċenti permezz ta' ittra legali tat-12 ta' Novembru 2022;

Illi l-kreditur Joseph Cassar Aveta kien ġie nieqes nhar it-23 ta' Novembru 2020 u mir-riċerki testamentarja rriżulta illi l-aħħar testament tiegħu kien dak tal-14 ta' Ottubru 2020, in atti Nutar Dottor Hans Karl Attard, u li in forza ta' liema l-esponenti ġew nominati bħala l-uniċi eredi tiegħu (Ara Dok. "D", "E", "F", u "G" hawn uniti);
Illi noltre mid-data tas-sentenza fl-10 ta' Diċembru 2022 għaddew aktar minn 10 snin;

Għaldaqstant l-esponenti, bħala l-uniċi eredi ta' ħuhom il-kreditur Joseph Cassar Aveta, talbu bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha tawtorizzhom, a tenur tal-Artikoli 258(b) u 259(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jeżegwixxu f'isem l-istess kreditur is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti nhar l-10 ta' Diċembru 2012 fil-kawża fl-ismijiet "Joseph Cassar Aveta -vs- Burmarrad Commercials Limited", Avviż Numru 37/2010CSH.

Rat illi s-soċjetà intimata ġiet notifikata fit-18 ta' Settembru 2023 u ntavolat ir-risposta tagħha fid-29 ta' Settembru 2023 fejn eċċepiet illi t-talba odjerna għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess għas-segwenti raġunijiet jew liema minnhom:

1. Fl-ewwel lok, id-defunt Joseph Cassar Aveta (K.I. 694458M) diġà eżegwixxa s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-20 ta' Diċembru 2012 (Avviż numru 37/2010) fl-ismijiet Joseph Cassar Aveta v. Burmarrad Commercials Limited; dan permezz tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2317/2017, liema mandat ġie revokat b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-17 ta' Ottubru 2019 (digriet numru

159/2019) fl-ismijiet Joseph Cassar Aveta v. Burmarrad Commercials Limited (Dok. 'BC').

2. Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jeħtiġilhom iġibu l-aħjar prova, permezz tad-dokumentazzjoni oriġinali appożita illi huma l-uniċi eredi u suċċessuri ta' Joseph Cassar Aveta.

3. Fit-tielet lok, it-titolu eżekuttiv emanenti mis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-10 ta' Diċembru 2012 (Avviż numru 37/2010) fl-ismijiet Joseph Cassar Aveta v. Burmarrad Commercials Limited ma jiswiex daw dak li, u kif, qiegħed jintalab fir-rikors odjern; l-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza appena ċitata huwa inekwivoku.

Rat illi fis-seduta tal-04 ta' Ottubru 2023, id-difensuri tal-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkonsidrat;

Illi jirriżulta mill-atti proċesswali li permezz ta' sentenza erogata nhar l-10 ta' Diċembru, 2002 fl-ismijiet premessi, ir-rikorrenti kiseb titolu eżekuttiv kontra s-soċjetà intimata għall-ammont ta' €5,067.85 u ordnat lill-istess soċjetà konvenuta tħallas dan l-ammont lill-attur f'oġġetti magħżula mill-istess attur limitatament għal din is-somma.

Illi jirriżulta li fis-07 ta' Diċembru 2017, ir-rikorrenti kiseb Mandat ta' Sekwestru kontra s-soċjetà intimata għall-imsemmija somma, liema Mandat, madanakollu, ġie revokat fis-17 ta' Ottubru 2019.

Illi r-rikors odjern qiegħed isir abbażi tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipola:

> ***"258.** Wara –*
>
> *Omissis*
>
> *(b) għeluq ta' għaxar snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (a), (ċ) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Inferjuri jew tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar seta' ġie esegwit; jew*
>
> *Omissis*
>
> *l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut."*

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza **HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli et**[1],:

> *"Illi minn dan jidher li l-uniku eżami li għandha tagħmel l-istess Qorti għall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taċċerta ruħha dwar l-eżistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizżat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-ġurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt, xejn iżjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-*

[1] **HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli et**, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 18 ta' April 2002, (Rik Ġur Nru 2694/99 RCP):

*notifika lill-kontro-parti u wisq inqas li l-istess rikors jiġi appuntat għas-smigħ."*

Ikkonsidrat;

Illi fil-każ *de quo* jirriżulta ampju li s-sentenza ottenuta mir-rikorrenti tikkostitwixxi titolu eżekuttiv ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jirriżulta ampju wkoll li l-perjodu maħsub fl-Artikolu 258(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta skada u r-rikorrenti għad għandu interess fl-eżekuzzjoni tas-sentenza;

Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jiddikjaraw u jikkonfermaw bil-ġurament illi s-soċjetà intimata għadha ma onoratx l-obbligi tagħha ai termini tal-imsemmija sentenza u dan ifisser illi d-dejn għadu dovut.

Illi jirriżulta, madanakollu, li John Cassar Aveta ġie nieqes fit-23 ta' Novembru 2020 u permezz tat-testment redat fl-atti tan-Nutar Dottor Hans Karl Attard fl-14 ta' Ottubru 2020 hu istitwixxa u nnomina bħala eredi universali tiegħu lil ħutu John Cassar Aveta u Lewis Cassar Aveta, ossija r-rikorrenti odjerni.

Illi l-Artikolu 259(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola illi:

> *"(4) L-eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tal-kredituri jistgħu jagħmlu rikors li jiġi notifikat lid-debitur, lill-eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tiegħu, fejn jitolbu lill-qorti sabiex jiġi esegwit kull titolu eżekuttiv f'isem il-kreditur ukoll jekk ma jkunx skada ż-żmien imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan. Dan ir-rikors għandu jintlaqa' mill-qorti jekk din tkun sodisfatta illi:*

*(a) ir-rikorrenti huma l-uniċi eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tal-kreditur;*

*(b) it-titolu eżekuttiv għadu jiswa dwar dak li jkun qed jintalab; u*

*(ċ) il-persuni li tkun qed tintalab l-eżekuzzjoni kontrihom ikunu d-debitur, jew l-eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tiegħu"*

Illi s-subartiklu appena ċitat jistipola li fl-eventwalità lil dawn it-tlett elementi jiġu sodisfatti, il-Qorti għandha tilqa' r-rikors. Illi jirriżulta lil din il-Qorti illi l-elementi meħtieġa mis-subartiklu appena ċitat huma pjenament sodisfatti.

B'hekk il-Qorti ma tarax raġuni għalfejn m'għandhiex tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u dan peress li l-elementi kollha rikjesti mil-liġi huma sodisfatti.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tawtorizza l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv ottenut fil-konfront tas-soċjetà intimata bis-saħħa tas-sentenza hawn fuq indikata.

Bl-ispejjez tal-preżenti a karigu tas-soċjetà intimata.

Ft.Dr. Leonard Caruana
**Maġistrat**

Sharonne Borg
**Deputat Registratur**